MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23/2016

It-Tnejn 28 ta' Novembru 2016

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier C Cassar u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 23.2 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-kwotazzjonijiet:

#### 23.2.1 Kiri u nstallazzjoni ta' dwal tal-Milied fi Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja

Kwotazzjoni Nru. 05/2016
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-kwotazzjonijiet miftuħa nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru fin-12.30pm fil-preżenza tas-Sindku, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Chris Gauci - €2,530.00 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa qabel, ta' din il-kwotazzjoni. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Chris Gauci u l-Kunsill qabel unanimament. Hawnhekk Chris Gauci ħa postu fil-laqgħa fejn ta dettalji bid-disinn ta' kif ser isir dan id-dwal. Sar qbil illi d-dwal jinxtgħelu mill-5.00pm sa nofsillejl mis-7 ta' Diċembru sat-8 ta' Jannar 2017 u fil-Milied u fl-ewwel tas-sena jibqà mixgħul il-lejl kollu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Chris Gauci weħel penali ta' €50 peress illi fis-sistema tal-*e-tendering* kien hemm bżonn li tintalab kjarifika.

#### 23.2.2 Stampar tal-kalendarju 2017

Kwotazzjoni Nru. 06/2016
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-kwotazzjonijiet miftuħa nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru fin-12.30pm fil-preżenza tas-Sindku, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Adverteyes Ltd  -  €1,430.00 (Vat eskluż)
- Salander Group Co Ltd -  €1,190.00 (Vat eskluż)
- Cyberspace Solutions Limited -  €1,761.10 (Vat eskluż)
- Gozo Press -  €719.00 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Bord li tlaqqa' aktar qabel f'dik il-ġurnata ser jitlob xi kjarifiki u jekk dawn il-kjarifiki jissodisfaw il-Bord, dan jerġa' jiltaqa' biex jagħmel ir-rapport meħtieġ. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jistenna lill-Bord biex jippreżenta r-rapport tiegħu qabel ma jagħti din il-kwotazzjoni.

**23.3** Chev C Saliba staqsa lis-Sindku f'liema sitwazzjoni preżenti tħalla l-Kunsill vis-a-vis mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u talab kjarifika ta' kemm għandna affarijiet b'lura. Il-Viċi-Sindku qal illi meta tkun ser toħroġ *tender* għandna naħsbu għaliha minn sitt xhur qabel għaliex kull darba qed ikun hemm id-dewmien, barra li jista jkun hemm xi appell. Huwa talab biex f'laqgħa oħra tingħata spjegazzjoni tal-proċedura tat-*tenders*.

**23.4** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

23.4.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija. Il-ħin ġie deċiż b'vot unanimu.

Konfermati, illum il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Nicky Saliba | Josianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |